# IL-QATLA

## Novella ta' FRANS SAMMUT

Ħareġ mill-ħanut imgħaġġel. Fid-dlam ċappa ta' barra, l-idejn forforexxenti ta' l-arloġġ urewh li kienu d-disgħa u nofs. Kien ġa tard. Ħaffef tul it-triq, kiser mal-kantuniera u fl-għargħar ta' dawl ġej min-neon ta' riklam kbir ta' l-imtieraħ lemaħ il-lambretta. Xi ħadd kien ipparkja warajha wkoll, u ġiet bejn żewġ karozzi. Iktar ma kien mgħaġġel.

Resaq lejha, ġibidha erba' passi 'l quddiem, rikeb u telaq ivenven minn Triq il-Merkanti għal Kastilja. Għadda sparat minn Vjal id-Duka, tar matul Triq Sant'Anna, qabeż xi karrozzi ħdejn il-Bombi u baqa' sejjer bl-istess veloċità, moħħu biss li kien iddawwar, u idejh imqabbda bħal ta' ferghun mal-klaċċ.

Fil-kampanja, bir-riħ ġej mill-Punent jaħbat ma' wiċċu, ħassu jistejqer mid-dagħdigħa li kellu. U bla ma ried f'moħħu bdew ġejjin għadd ta' ħsebijiet li ftit xtaqhom. Dan kien id-difett ewlieni tiegħu. Li jħalli l-istħajjil jiġri bih.

Tabilħaqq, kienet l-ewwel darba li se joqtol, u ma setax ma jaħsibx dwar it-tifsira tal-qtil, tal-ħajja u tal-mewt. X'jiġifieri toqtol? Ħlieqa qed tgħix, titħarrek, tiċċaqlaq, imqanqla mill-misteru msejjaħ ħajja, tneħħilha s-setgħa li tiċċaqlaq, titħarrek. Tisirqilha l-ħajja. Wara kollox dik kienet l-ordni tal-ħajja minn miljuni ta' snin sħaħ: il-qawwi joqtol id-dgħajjef biex igħix aħjar hu. Għax did-dinja ta' kobor bla qies ma tesax 'il kulħadd. U d-dgħajjef ikollu jwarrab, jagħmel il-wisgħa għall-qawwi. Liġi tan-natura li l-brimba tiekol id-dubbiena, u l-kameljonte jibla' l-brimba. Kien hekk minn dejjem. Igawdi min għandu l-felħa fiżika u l-aktar min għandu dik tal-moħħ. Għalhekk il-bniedem irnexxielu jżomm l-iċpeċja tiegħu, filwaqt li bhejjem u dbejjeb ġgantin inqerdu matul l-iżmna u matul il-bidliet li seħħew fil-qoxra tad-dinja, fit-temp, fis-sura ta' l-iġbla u l-ibħra.

Kienet l-ewwel darba li ġie mqabbad jagħmel xogħol bħal dan. U ma riedx joħroġ ta' ċajt. Imma stonku ma kellux sa barra. Għalhekk żied iqalleb ġo moħħu, jilgħab bir-raġunijiet u jiżinhom, biex donnu jiġġustifika għemilu u jroddu ftit u xejn inqas antipatiku. Xtaq, jaħasra li f'qalbu kellu mbejta l-mibegħda. Għax il-mibegħda twasslek għal ħafna għemejjel li l-bqija taqta' qalbek minnhom. Il-mibegħda hija arma siewja, qawwija u ta' fejda fin-nisġa ta' moħħ il-bniedem. Kienet hi li tgħollih 'il fuq mill-bhejjem bla dehen, li

joqtlu biex igħixu, u dejjem lil oħrajn iċken minnhom; u dejjem b'tattika waħda. Meta jiġu mrekkna biss jistgħu jużaw saħħithom b'xi mod mhux daqshekk tas-soltu. Il-bqija barri fil-korrida tas-seklu għoxrin għadu jiġġieled talikwali bħal dak ta' żmien Napuljun, jipponta qrunu lejn il-matador, b'qilla ta' disgħin mil fis-siegħa, għajnejh iffissati fl-aħmar tal-kappa. Hemm hu l-vantaġġ tal-matador, li jdawwar il-kappa fl-aħħar waqt u l-barri jibqa' għaddej bħal tren fuq il-binari, agħma bil-għadab, b'dahru maħsul bid-demm tan-nigża tal-pikador. Il-ġlieda tintemm mill-forza ta' ġisem felħan f'waħda ta' għadab kontra waħda ta' ġisem relattivament dgħajjef mgħejjun minn mibegħda mitwielda mill-ħjiena.

Wasal f'dil-konklużjoni. Li l-bhejjem jitqanqlu biss mill-għadab, u l-bniedem mill-mibegħda li titnissel ftit ftit u trabbi l-għeruq tagħha dejjiema u ta' saħħa. Nagħtu kas, ħaseb, iċ-ċerva li jkollha l-frieħ jirgħu maġenbha. Kif tilmaħ volpi riesaq lejha, dlonk tagħraf l-għan tiegħu, u fis tagħmel għalih b'ħilitha kollha, biex taqbeż għal uliedha. Imqanqal mill-għadab. Iżda xħin il-volpi joqtolhomlha minkejja l-isforzi tagħha, allura ddawwar denbha u taħrab. Għax taf li tagħmel x'tagħmel issa mhux se trodd il-ħajja lill-frieħ, u kull ma fadal li tipprova ssalva ġilditha. Il-bniedem le. Meta fil-qedem l-ilpup kienu jaħbtu għad-dwejriet imbiegħda mill-abitat u jisirqu lit-trabi min-nieqa, il-ġenituri kienu jingħaqdu bejniethom u jwettqu kaċċa qalila għall-ilpup kollha ta' l-inħawi u wkoll mhux ta' l-inħawi. U fil-fatt, minħabba f'hekk, l-Ewropa ġiet miknusa mill-ilpup u l-volpijiet darba għal dejjem. Mela l-mibegħda tiswielu ħafna lill-bniedem.

Imma, jaħasra, mibegħda ma setax iħoss ġo qalbu. Il-vittma tal-lejla qatt ma kien għamillu deni jew ħsara. Iżda ried iqawwi qalbu, ħalli juri li hu raġel. Għalhekk tefa' 'l barra l-ħsebijiet ta' filosofija tal-ħajja u ħabrek biex ineħħi l-ħsebijiet l-oħra, li issa kienu bla siwi, kif fis-sew kienu wrew ruħhom matul is-sekli, taparsi miċħuda mill-bhejjem, u fl-istess waqt imgħożża minnu u mħaddna sew. Jinqatlu tant ħlejjaq fid-dinja kif iddur! Hawn tant qattiela mas-saqajn, uħud imħallsa mill-qligħ tat-tiġrijiet taż-żwiemel, oħrajn imħallsa mit-taxxa ta' ġnus sħaħ. Ħa nifs 'il ġewwa. Kien determinat.

Kif wasal, waqqaf il-lambretta u daħal. Għadda minn ġo bitħa mudlama, u daħal f'għorfa mdaqqsa, fi dlam ċappa. Inkiss inkiss qagħad jissemma. Tħaxwix mir-rokna nebbħu li kien hemm. Sieket

resaq bil-lajma lejn il-ħoss tat-tħarrik. Qabbad sulfarina u kif il-fjamma ntrifdet, lemħu hemm imbeżża', b'għajnejh kbar beżgħana. Kien jaf x'għandu jagħmel. Għassislu ftit li ma jiżgiċċax. Imbagħad b'dirgħajh miftuħa resaq lejh. Ħatfu minn għonqu bla tah żmien jiċċaqlaq. Għolla driegħu u lagħblu daqqa tniżżel ġolf. Iżda, ma swiet għal xejn. Il-vittma baqa' jitħabat, mimli bil-ħajja. Tbehren, reġa' tah daqqa oħra. Il-biċċa ma kenitx sejra kif xtaq hu. Kellu f'rasu li daqqa waħda biżżejjed. B'dak il-ħoss kollu, seta' jisimgħu xi ħadd u jiġi jara x'ġara. Beda jwaħħallu xita ta' daqqiet, b'idu ċatta u bil-ponn magħqud. Fl-aħħar tar id-demm, ferfer ftit riġlejh u ntelaq għal mejjet. Kif rah hekk, xegħel il-musbieħ, ħareġ sikkina minn toqba fil-ħajt, daħħalhielu taħt il-ġilda ta' dahru, xoqqhielu u f'dagħdigħa ta' demm għollielu l-ġilda 'l fuq u żellaqhielu minn fuq għonqu. Id-demm ma' jdejh żied igħaddbu. B'nofs tużżana daqqiet goffi qatagħlu rasu u saqajh. Imbagħad neħħa s-sikkina u mill-ġdid ċarrtu matul il-kustilji, 'l isfel lejn imsarnu. Il-ġisem kellu issa dehra moqżieża, bl-imsaren imdendlin 'il barra f'għanqud, u l-ħmura tad-dmija u s-sfura ta' ħwejjeġ oħra kienu mdelkin ma' tul il-ġisem. Intebaħ li ma wettaqx xogħlu sew.

Dak il-ħin jisma' passi resqin lejh. Daħlet Mena, ommu u kif rat x'qed jagħmel, wiċċu ħa dehra oħra. Hu ħares lejha kiebi, irid l-art tibilgħu.

"Iva lanqas fenek ma taf toqtol. Kien smin tant jaħasra. Ara kif ġibtu!"